Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 67**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 08.04.24 fil-16.51

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier - 17.03 |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier P.Fenech talbu sabiex jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li mhux se jkun qed jattendi għal din is-Seduta minħabba li qed jħossu skomdu jkompli jaħdem fi ħdan dan il-Kunsill u jinsab ferm iddiżpuntat bl-aġir ta' kandidat ġdid għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jerġa' jsir kuntatt mal-Kunsillier A. Chetcuti sabiex tiġi ċċarata din il-materja.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**67.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsiller E. Rossignaud

67.1.1 Il-Kunsillier informa li sa fl-aħħar il-Kunsill ingħata uffiċjalment l-approvazzjoni biex jkun jista' jixtri l-vettura eletronika biex tintuża mill-anzjani tal-lokalita'. Is-SE infurmat li diġa' sar kuntatt ma' Citroen u beda' l-proċess. Waqt din id-diskuzzjoni, il-Kunsillier irrefera li hemm bżonn ssir pjan sew ta' kif se titħaddem is-sistema tal-booking għal dan it-transport b'xejn. Ġie deċiż li nsaqsu xi Kunsilli oħra li diġa' jħaddmu din is-sistema dwar kif qed joperaw.

67.1.2 Hu staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar l-offerti sabiex jinxtara wheelchair lift biex jkun hemm aċċess fis-sala. Is-SE infurmat li din is-sejħa għall-offerti għalqet għalqet fl-4 ta'Marzu 2024, u għaddiet l-informazzjoni dwar l-offerti li rċieva l-Kunsill lil Perit tal-Kunsill. Hija nfurmat li hekk kif il-Perit tal-Kunsill jevawla dawn l-offerti hemm bżonn li jiltaqa' l-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni. Dawn kienu l-offerti li ġew sottometti:

- 19,960.00 exc. VAT
- 20,300.00 exc. VAT
- 17,446.30 exc. VAT

67.1.3 Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi progress dwar l-advertising panels. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier R.Scicluna infurmaw li saret laqgħa ma' Sur Andrew Vassallo fejn ġie spejgat eżatt x'qed jistenna l-Kunsill.

Mill-Kunsillier A.Pisani

67.1.4 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li ssir traffic calmer fi Triq il-Kaffis peress li kemm-il darba irċeviet lmenti ta' *over-speeding*. Is-Sindku nforma li sfortunatament din il-problema qed tkun f'diversi toroq residenzjali u mhux dejjem jkun hemm qbil ma' residenti biex tiġi nstallata traffic calmer viċin residenzi privati. Is-SE infurmat li jekk kemm-il darba r-residenti li jirraportaw din il-problema jaqblu li ssir traffic calmer għandhom b'mod uffiċjali jiktbu lil Kunsill sabiex bħala Kunsill inressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' TM.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**67.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A.Pisani

67.1.5 Hija nfurmat wkoll li residenta minn Triq Ġ.Lebrun staqsiet sabiex jekk jista' jkun terġa' tiġi installata bozza f' din l-istess triq minnħabba xi żvillup li kien għaddej. Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja ma' l-Enemalta dwar din il-materja.

Mill-Viċi Sindku

67.1.6 Il-Viċi Sindku reġgħet infurmatbil-problema perikoluża li inħolqot fi Triq Sant Andrija peress li diversi persuni nkluż studenti qed jaqsmu triq arterjali mingħajr l-ebda assitenza minn ħdejn l-ex Jessie Bar apparti l-veloċita eċċessiva li qed jgħaddu biha l-vetturi f'din l-istess triq. Hija talbet sabiex nikkuntatjaw lil TM dwar dawn il-problemi peress li s-sigurta' ta' din it-triq taqa' fir-responsabilta' tagħhom. Is-SE infurmat li dwar speed camera kien diġa' sar kuntatt ma' TM fejn dawn kienu rrispondew li qed jitħejja rapport dwar din il-possibilita.

67.1.7 Hija staqsiet dwar x'passi ittieħdu minn naħa tal-PA dwar l-advertising sign li tixgħel b'mod qawwi fi Triq il-Gladjoli, Madliena. Is-SE infurmat li għalkemm intbagħtu diversi reminders, jidher li sa llum din għadha hemm. Ġie deċiż li b'mod uffiċjali jiġi involut iċ-Ċerpersin tal-PA dwar din il-materja u anke dwar il-kamra li allegatament qiegħda b'mod illegali fi Triq il-Madliena.

67.1.8 Hija infurmat li l-attivita' ta' Together in Diversity nhar l-24 ta'Mejju se tkun qed tiġi preżentata stima lil Reġjun Lvant fis-seduta li jmiss. Sadanittant, diġa' ġew ikunttajti diversi ambaxxati li qegħdin fir-Reġjun sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

Mill-Kunsillier R.Scicluna

67.1.9 Hija nfurmat li rċeviet diversi rapporti dwar ilma maħmuġ li ħiereġ minn naħa ta' Triq Is-Swieqi lejn il-Wied. Is-Sindku nforma li dwar din il-materja, kien diġa' ġibed l-attenzjoni ta' IM il-Perit tal-Kunsill. Ġie deċiż li jerġgħu jiġu nnotifikati l-WSC u tas-Sanita.

67.1.10 Rigward it-tiswijiet ta' dawl ta' zebra crossing, hija nfurmat li minkejja diversi reminders li ntbagħtu kemm lil Enemalta kif ukoll lil ARMS dawn għadhom bil-ħsara. Is-SE infurmat li se tkun qed tkompli tkun f'kuntatt ma' dawn iż-żewġ entitajiet dwar din il-materja.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**67.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier R.Scicluna

67.1.11 Hija nfurmat li l-bieraħ saret l-attivita' International *Love your Pet Day* fejn il-Kunsill ma' diversi residenti u tfal marru ġo snatwarju taż-żwiemel li jkunu ġew abbandunati u ingħataw aktar tagħrif dwar kif din l-NGO jikkuraw dawn żwiemel.

67.1.12 Il-Kunsillier staqsiet dwar il-pagamenti pendenti lil Micamed Ltd ta' snin preċidenti. Is-SE infurmat li flimkien se tkun qed issir rikoċiljazzjon ta' dawn il-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu.

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier A.Pisani talbu sabiex jkunu skużati. Il-ħin kien 18.57.*

Mill-Kunsillier T. Valentino

67.1.13 Il-Kunsillier talbet sabiex tiġi mnaddfa notice board li hemm ħdejn il-Knisja fi Triq tal-Ibraġ. Is-SE infurmat li din tnaddfet dalgħodu.

67.1.14 Hija talbet sabiex palma li hemm fi Triq il-Madliena tinżabar sew peress li qed tostokala it-triq. Is-SE infurmat li se tinforma lil kuntrattur.

67.1.15 Rigward il-ħajt perikoluż tul Triq il-Madliena, hija infurmat li minkejja r-rapport tal-Perit, ir-rapport tal-Puluzija u l-ittra li ntbagħet lis-sidien, dan il-ħajt għadu fl-istess stat. Is-SE infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt mal-Community Police dwar din il-materja.

67.1.16 Hija nfurmat li ġiet avviċinata mis-sidien ta' Gnereal Store fi Triq Sant Andrija, fejn dan informa li minħabba l-proġett ta' IM kull tip ta; parkeġġ ħdejn il-ħanut tiegħu tneħħa u għalhekk qed jkun impossibli għal persuni sabiex jixtru minn għandu.

67.1.17 Il-Kunsillier staqsiet sabiex tindbidel STOP fi Triq Villa Rosa ( ħdejn l-ex Sunrise Inn) peress li din msadda. Is-SE infurmat li se tinforma lil kuntrattur.

67.1.18 B'referenza għall-aħħar rapport li sar minn naħa tal-Kunsill lil GO plc dwar arblu ta' l-injam mgħawweġ, hija nfurmat li dan għadu kif kien. Is-SE Ininfurmat li se terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**67.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier M. Bonello

67.1.19 Huwa staqsa jekk il-Kunsill hux se jkun qed joġezzjona għall-applikazzjoni PA 1940/24. Is-Sindku nforma li din l-oġezzjoni diġa' ġiet preparata u se tintbagħat uffiċjalment. Kien hem qbil unanmi minn dawk preżenti.

**67.2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

67.2.1 Hija nfurmat li għas-sejħa tal-vakanza ta' Council Assistant, il-Kunsill irċieva 7 applikazzjoni mill-persuni li kienu fuq il-lista uffiċjali tal-Jobsplus. Ġie deċiż li flimkien mal-Kunsillier R. Scicluna u Sur Hugh Zammit jiġu intervistati biss dawk it-tlett kandidati li jidhru li jistgħu jkunu ideali għal din il-pożizzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***Din is-seduta spiċċat fis-19.30 u ġie deċiż s-Seduta li jmiss tkun skedata għal nhar it-Tnejn 29 t'April fl-16.30 u l-aħħar Seduta ta' din il-Legislatura nhar is-27 ta' Mejju. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.***

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv